Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR.
## PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 17/2006

Pietru Camilleri,

Vincenza miżżewġa Zammit,
U b'degriet tat-23 ta' April 2008 il-
Ġudizzju ġie trasfuż ġie f'isem
Emanuel, Paul, Maria miżżewġa Cauchi,
Victor, Gorg u Michael Zammit
Ilkoll ulied il-mejtin Guzepp u Vincenza
Imwielda Camilleri, minflok Vincenza
Zammit li mietet fil-mori tal-kawża;

Ganna armla Azzopardi;

Marija miżżewġa Borg;

Carmela magħrufa bħala Lina miżżewġa Rapa;

Tereża, xebba;

Rita armla Ellis;



Qrati tal-Gustizzja

U
Marija armla Falzon.

Vs

Michael u Marija konjuġi Portelli,
U b'degriet tat-12 ta' Frar 2008
Joseph Borg ġie nominat sabiex
Jirrappreżenta lil Marija Portelli
peress li tinsab imsiefra;

Il-kummissarju tal-Artijiet;
Ir-Reġistratur tal-Artijiet għal
kwalunkwe interess li jista' jkollu;

L-awtorita' ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar
Għal kwalunkwe interess li jista' jkollha.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat ta' l-atturi li permezz tiegħu, wara li ppremettew illi:

(1) Illi l-atturi huma lkoll l-eredi tal-mejtin Vincenzo u Tereza konjuġi Camilleri illi kienu akkwistaw l-art fil-kuntrada "Ta' Saveria", illum magħrufa bħala "Ta' Sufa" fil-limiti tan-Nadur permezz ta' kuntratt ta' permute fl-atti tan-nutar Carmelo Gauci tad-19 ta' Lulju 1879, liema art hija aħjar deskritta fir-relazzjoni tal-perit Michele Cassar li ġiet riprodotta fl-atti tan-nutar imsemmi fit-12 ta' Jannar 1891, kif ukoll permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Giuseppe Camilleri tal-24 ta' Mejju 1912. L-art in kwistjoni għandha s-superfiċja ta' elfejn mitejn u tmenin metru kwadru (2,280m.k.) u mitejn u sitta u tmenin punt tnejn metru kwadru (286.2m.k.). L-art akkwistata mill-awturi tal-atturi hija soġġetta għall-ħlas trijennali mill-kwota li tispetta lill-istess art għaċ-ċens annwu u perpetwu versu s-soppressa universita'. Xi partijiet żgħar minn dawn it-territorji huma mqabbla lil terzi.

(2) Illi minkejja l-fatt illi l-awturi tal-atturi u l-istess atturi ilhom jippossjedu din l-art għal aktar minn mitt sena mingħajr ma l-ebda persuna oħra qatt ma vvantat l-ebda pretensjoni fuqha, riċentement il-konvenuti Portelli bdew jivvantaw titlu fuq l-istess art kif ukoll l-art attigwa. Minħabba f'hekk, inbdew proċeduri legali kontra l-konvenuti Portelli.

(3) Illi inoltre l-konvenut Michael Portelli intavola ċedola ta' depożitu u kuntestwali fidi ta' ċens fir-reġistru ta' dina l-Onorabbli Qorti fit-12 ta' Marzu 2002 (ċedola ta' depożitu numru 50/02) illi permezz tagħha huwa inizjalment feda ċ-ċens triennali ta' kull tlett snin illi missier il-konvenut Portelli kien allegatament iħallas lill-konvenut l-ieħor, il-Kummissarju tal-Art fuq l-art tal-kejl ta' ċirka ħdax-il elf metru kwadru (11,000 m.k.) fuq porzjon ta' art magħrufa bħala "Ta' Clil" (sic) sive " Ta' Patrik" sive "Tat-Tork" fil-limiti tal-Qala (sic) u dana kif indikat fuq pjanta allegata mal-istess ċedola bħala Dok. "A". Illi l-konvenut Michael Portelli allega illi missieru Saviour Portelli kien l-utilista ta' din l-art u li dan miet fit-12 ta' Novembru 1984 u li hu l-werriet, presubilment uniku tiegħu, u dan mingħajr ma offra l-ebda prova ta' dawn l-asserzjonijiet, u għalhekk xtaq illi jifdi l-imsemmi ċens.

(4) Illi sussegwentement fil-21 ta' Gunju 2002, il-konvenut Michael Portelli daħħal nota fl-atti tal-imsemmija ċedola li fiha ddikjara solennement illi hu kien ħa żball fil-kejl u illi l-kejl korrett kellu jkun ta' għoxrin elf u tlett mitt metru kwadru (20,300 m .k.) kif indikat bordurat bl-aħmar u mmarkat bl-orangjo fuq l-annessa pjanta mmarkata A1 li kellha tissostitwixxi l-pjanta Dok. "A" annessa maċ-ċedola ta' depożitu oriġinali. Illi fit-territorju mmarkat fil-pjanta A1, taqa' l-art tal-atturi tal-kejl ta' mitejn u sitta u tmenin punt tnejn metru kwadru (286.2 m.k.).

(5) Illi l-konvenut Michael Portelli ma kienx sodisfatt b'dan ir-raddoppjament tat-territorju li allegatament ġie mifdi bl-imsemmija ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens u daħħal nota "korrettorja" oħra fis-7 ta' Awwissu 2002 li fiha reġa' espanda t-territorju oġġett taċ-ċedola ta' ċens u kontestwali fidi ta' ċens imsemmija għall-

kejl ta' sitta u għoxrin elf u tlett mitt metru kwadru (26,300 m.k.) u dana kif indikat bordurat bl-aħmar u mmarkat bl-oranġjo fuq l-annessa pjanta mmarkata A2 li kellha tissostitwixxi l-pjanta Dok. "A" annessa maċ-ċedola oriġinali u dik Dok. "A1" allegata man-nota msemmija tal-21 ta' Gunju 2002. Illi fil-pjanta mmarkata Dok. "A2" hemm it-territorju tal-atturi tal-kejl ta' elfejn mitejn u tmenin metru kwadru (2,280m.k.) kif ukoll territorju ieħor proprjeta' inekwivokabili ta' terzi għal bosta snin.

(6) Illi sussegwentement, il-konvenut Michael Portelli ntroduċa zewg applikazzjonijiet fir-Reġistru tal-Art bin-numru LRA (G) 420/2002 u LRA (G) 663/2002 għar-reġistrazzjoni tat-territorju in kwistjoni. F'dawn l-applikazzjonijiet, il-konvenut Portelli allega illi l-bażi tat-titolu tiegħu hija l-fidi taċ-ċens li twettaq allegatament biċ-ċedola ta' depożitu numru 50 tas-sena 2002. Illi l-atturi flimkien mal-proprjetarji l-oħra tat-territorju attigwu li ġew milquta b'dawn l-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni, daħħlu kawzjoni kontra tali applikazzjonijiet u suċċessivament, il-konvenut Michael Portelli rtira dawn l-applikazzjonijiet sakemm "jivverifika" l-pożizzjoni tiegħu.

(7) Illi madankollu l-konvenut Michael Portelli qatt ma rtira ċ-ċedola ta' depożitu u kuntestwali fidi ta' ċens li hu daħħal fir-reġistru ta' dina l-Onorabbli Qorti fit-12 ta' Marzu 2002 (ċedola ta' depożitu numru 50/02) flimkien man-noti "korrettorji" suċċessivi u inoltre qed ikompli jallega fil-bosta proċeduri illi saru kontrih illi huwa l-leġittimu proprjetarju ta' l-art tal-atturi. Dana minkejja illi huwa qatt ma ppreżenta l-ebda prova konkreta f'dan is-sens u minkejja illi t-titlu tal-atturi jemani inkontrovibilment mill-atti nutarili suċitati u dana anke kif rikonoxxut matul il-milja tas-snin minn kulħadd, fosthom iz-ziju tal-konvenuta Marija Portelli illi għal xi żmien okkupa l-mitħna li tinsab fit-territorju tal-atturi bil-permess tal-awturi tal-atturi, liema okkupazzjoni ntemmet meta ntalab illi jagħmel hekk.

(8) Illi inoltre riċentement il-konvenut Michael Portelli intavola applikazzjoni ( PA 3623/04) mal-Awtorita' ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar biex allegatament jirrestawra l-mitħna msemmija meta huwa m'għandu l-

ebda titolu fuq l-istess mitħna li hi proprjeta' tal-atturi u dana sabiex mingħalih ikompli jirradika l-pretensjonijiet fasulli tiegħu fuq l-istess fond. F'dina l-applikazzjoni, il-konvenut Michael Portelli ddikjara b'mod frawdolenti illi huwa l-proprjetrju ta' l-istess mitħna meta m'huwiex il-każ. L-Awtorita' msemmija approvat dina l-applikazzjoni fid-19 ta' Settembru 2005 salv id-drittijiet ta' terzi.

(9) Illi mart il-konvenut Michael Portelli, Marija, hija parteċipi konsapevoli u attiva f'dawn il-manuvri da parti ta' żewġha . F'laqgħa illi saret fit-3 ta' Frar 2006, hija ġġustifikat il-pretesjonijiet fuq l-art tal-atturi da parti tal-konvenuti Portelli peress illi qalet illi għandhom pitazzi li kien iżomm missier il-konvenut Michael Portelli ta' min kien iħallas ċ-ċens fit-territorju imsemmi. Dana l-fatt juri se mai illi missier il-konvenut Michael Portelli kien id-direttarju ta' l-istess territorju u mhux l-utilista kif qed jiġi allegat fl-imsemmija ċedola ta' depożitu u kuntestwali fidi ta' ċens u għalhekk, ma seta' qatt sar tali fidi ta' ċens. Fi kwalunkwe każ, tali asserzjoni ma tistax tiġi avvalata mir-riċerki li saru u l-aktar l-aktar, il-konklużjoni li wieħed jista' jasal għalija hija illi missier il-konvenut Michael Portelli kien jiġbor iċ-ċens mingħand l-utilisti l-oħra sabiex jgħaddihom lid-direttarju imma dan il-fatt bl-ebda mod ma jirradika titolu. Madankollu, il-konvenuta Maria Portelli baqgħet issostni l-pretensjonijiet tagħha u qatt ma għażlet illi tirrinunzja għal tali pretensjonijiet.

(10) Illi b'dawn il-manuvri il-konvenuti Portelli qed joħolqu danni nġenti lill-atturi kif ser jiġi ppruvat fil-kors ta' dina l-kawża. Illi inoltre l-konvenuti Portelli ġew kemm-il darba intimate sabiex jirrinunzjaw għal tali pretensjonijiet fażulli tagħhom imma baqgħu inadempjenti u għalhekk, kellha ssir din il-kawża.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Prevja d-dikjarazzjoni illi l-awturi tal-konvenuti Portelli u l-istess konvenuti Portelli qatt ma kellha l-ebda titlu fuq il-proprjeta' tal-atturi, tiddikjara illi l-konvenut Michael Portelli ma kellu l-ebda dritt jifdi ċ-ċens perpetwu illi jaggrava l-proprjeta' tal-atturi u li tali fidi ta'

ċens sar mingħajr l-ebda bażi legali u unikament sabiex jiddefrawda lill-atturi mid-drittijiet proprjetarji tagħhom;

2. Konsegwentement tannulla ċ-ċedola ta' depożitu u kuntestwali fidi ta' ċens li l-konvenut Michael Portelli daħħal fir-reġistru ta' dina l-Onorabbli Qorti fit-12 ta' Marzu 2002 (ċedola ta' depożitu numru 50/02) kif ukoll in-noti suċċessivi "korrettorju" peress illi ma jeżistux l-estremi kontemplati fil-liġi sabiex jiġi effetwat tali fidi ta' ċens;

(3) Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jisfilza tali ċedola ta' depożitu u kuntestwali fidi ta' ċens mir-Reġistru li huwa jżomm ai termini tal-artikolu 1501(7)(f) tal-Kap. 16:

(4) Tannulla l-applikazzjoni illi l-konvenut Michael Portelli ssottometta lill-Awtorita' ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar, , PA 3623/04 f'liema applikazzjoni huwa ddikjara frawdolentementm illi huwa l-proprjetarju uniku tal-fond oġġett tal-applikazzjoni msemmija kif ukoll il-permess suċċessiv li l-istess Awtorita' approvat fid-19 ta' Settembru, 2005;

(5) Tillikwida d-danni, okkorrendo bil-ħatra ta' perit nominandi, illi l-aġir frawdolenti tal-konvenuti Portelli ħolqu jew qed joħolqu lill-atturi;

(6) Tikkundannhom iħallsu d-danni hekk likwidati lill-atturi.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-protest legali tad-29 ta' Awwissu 2005, tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Ottubru 2005 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 157/2005 (Pc) ippreżentat fil-21 ta' Ottubru 2005 u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti Portelli li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuti konjuġi Portelli, li eċċepew:

1. Illi preliminarjament in-nullita’ tar-rikors promoter għaliex qed jiġu allegati diversi kawżali kontra intimate konvenuti differenti: il-premessi tar-Rikors huma totalment differenti u mhux konnessi u għalhekk ma jistgħux jiġu promossi f’Att promotur wieħed. Ir-rikorrenti ma jistgħux jitolbu dikjarazzjoni negattiva kwantu għall-ewwel talba, dikjarazzjoji li turbot ir-Reġistratur tar-Reġistru Pubbliku u lill-esponenti: ir-raba talba hija waħda fejn qed jintalab li tiġi annullata applikazzjoni lill-Awtorita’ ta’ Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar tal-esponenti: u l-ħames u s-sitt talbiet huma talbiet għal likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni; dawn it-talbiet huma kjarament inkompatibbli u inknċiljabbli fl-istess Att wieħed Ġudizzjarju;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, u dejjem preliminarjament “a limine litis” din il-Qorti ma hijiex kompetenti li tieħu konjizzjoni u tiddeċiedi dwar in-nullita’ ta’ talba quddiem Organu ieħor speċjaliżżat bil-kompetenzi partikolari tiegtħu bħal ma hija l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, u dejjem preliminarjament “*a limine litis”* ir-rikorrenti fil-kawża kif impostata jiddifettaw mill-interess ġuridiku; dan għaliex talbu dikjarazzjoni illi l-konvenuti Portelli ma għandhom ebda dritt fuq l-art mertu tal-kawża, li ma kellhomx dritt jifdu ċ-ċens perpetwu u li sar mingħajr bażi legali, iżda pero’ mingħajr ma talbu dikjarażzjoni ta’ proprjeta’ tar-rikorrenti ċioe’ tagħhom stess. Loġikament biex azzjoni simili tirnexxi trid tkun eżerċitata fil-kuntest ta’ talba għar-rivendikazzjoni ta’ proprjeta’ jew almenu azzjoni publiciana fejn ir-rikorrenti jieħdu fuqhom l-oneru tal-prova tal-proprieta’;

4. Illi dan iwassal għal eċċezzjoni preliminary oħra *a limine litis* u ċioe’ l-improponibilita’ ta’ l-azzjoni kif proposta u dan għar-raġunijiet indikati fil-paragrafu preċedenti: l-improponibilita’ hija a bażi tal-fatt li t-talbiet ma joħorgux mill-premessi. Biex il-Qorti tkun tista’ tqis talba simili ġuridikament, għandha tiġi premessa u tintalab dikjarazzjoni ta’ proprieta’;

5. Illi fil-mertu kwantu għall-ewwel paragrafu tar-Rikors attur, l-esponenti jikkontestaw it-titolu pretiż mir-rikorrenti: apparti dan, ir-rikorrenti għandhom jesebixxu d-dokumenti minnhom allegati sabiex jiffurmaw parti mill-Atti; l-esponenti jirriservaw il-pożizzjoni tagħhom li jiċċaraw il-pożizzjoni meta d-dokumenti jiġu formalment esebiti u parti mill-Atti; l-pożizzjoni ta' l-esponenti hija illi r-rikorrenti ma għandhom ebda art fil-limiti kif pretiż; sa fejn jaf l-esponenti il-familja rikorrenti ċioe' Camilleri kellhom art in-Nadur u mhux il-Qala fejn qegħda l-art mertu tal-kawża u ċioe' il-Qala l-kawża, pero' irid jirriżulta skond il-liġi;

6. Illi kwantu għat-tieni paragrafu tar-rikors attur, il-pożizzjoni tar-rikorrenti hija kontestata u għalhekk a bażi tal-prinċipju illi min jallega jrid jipprova, ir-rikorrenti għandhom jagħmlu prova ta' l-allegat pussess ta' aktar minn mitt sena; inoltre l-antenati ta' l-esponenti Michael Portelli, kif ser jirriżulta fil-kors tat-trattazzjoni, dejjem kellhom pussess u l-proprjeta' ta' l-art inkluża l-mitħna magħrufa "Ta' Grunju" magħrufa "Taċ-Cliel", limiti tal-Qala;

7. Illi kwantu għat-tielet paragrafu tar-Rikors attur, l-aħjar prova ta' l-allegat hija ċ-Ċedola ta' Depożitu u għalhekk għandha tiġi esebita: l-esponenti qegħdin jikkontestaw il-pożizzjoni tar-rikorrenti jirriservaw il-pożizzjoni tagħhom fid-dawl ta' din:

8. Illi kwantu għar-raba' paragrafu tar-Rikors attur, l-esponenti jerġgħu jirrilevaw illi l-aqwa u l-aħjar prova hija d-dokumenti: meta dawn jiġu esebiti, jikkummentaw fuqha iżda f'dan l-istadju l-esponenti jirriservaw il-pożizzjoni tagħhom;

9. Illi kwantu għall-ħames paragrafu tar-Rikors attur, l-istess jingħad illi l-aħjar prova hija d-dokument li għandu jigi esebit: l-esponenti jikkontestaw u jirriservaw il-pożizzjoni tagħhom fid-dawl ta' dan;

10. Illi l-istess japplika għas-sitt u għas-seba' paragrafi tar-Rikors attur, u li a skans ta' ripetizzjoni, l-esponenti jagħmlu riferenza għall-paragrafi preċedenti;

11. Illi kwantu għat-tmien paragrafu tar-Rikors promotur, dan huwa totalment kontestat u infondat mill-esponenti u inoltre totalment irrelevanti u antiġuridiku kif fuq spjegat; il-kwistjoni ta' l-Applikazzjoni mal-MEPA hija ħaġa fondamentalment differenti minn titolu allegat u apparti kollox din il-Qorti ma hijiex is-sede kompetenti li titlob dikjarazzjoni ta' nullita' ta' applikazzjoni għaliex il-MEPA għandha l-organi kompetenti tagħha;

12. Illi dwar id-disa' paragrafu attriċi, jingħad illi min halef fir-Rikors ma kienx preżenti għall-laqgħa. Għal kull buon fini, l-esponenti konjuġi Portelli jsostnu l-intitolament tagħhom għall-mitħna u għall-art de quo;

13. Illi kwalunkwe pretensjoni għal Danni subiti mir-rikorrenti hija kontestata bil-qawwa kollha għaliex fil-fatt ma gew kawżati ebda Danni; huma l-esponenti li qed isofru d-danni u għalhekk qedjagħmlu kull riserva opportuna;

14. Illi għaldaqstant it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Liġi; l-atturi nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ġuranmentata tal-konvenut Reġistratur ta' l-Artijiet li eċċepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponenti ġie mħarrek inutilment stante li ż-żewġ applikazzjonijiet ippreżentati mill-konvenut Michael Portelli fir-Reġistru tal-Artijiet f'Għawdex li jġibu numri LRA (G) 420/2002 u LRA (G) 663/2002 għar-reġistrazzjoni tal-art mertu tal-kawża, ġew irtirati mill-istess Michael Portelli kif sostnew l-istess rikorrenti fil-paragrafu sitta tar-rikors;

2. Illi inoltre' ma saret l-ebda talba mir-rikorrenti lill-Qorti li tista' b'xi mod jew ieħor tindirizza jew tikonċerna lill-esponenti;

3. Illi kwindi l-esponenti ma jistax jifforma parti minn dina l-kawża;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-liġi.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li eċċepiet:

1. Illi l-kwistjoni mertu tar-rikors hija kwistjoni purament ċivili bejn ir-rikorrenti u whud mill-intimati u tirrigwardja t-titolu ta' porzjon ta' art u għaldaqstant l-Awtorita' intimate mhiex il-leġittimu kontradittur għall-ebda waħda mit-talbiet tar-rikorrenti.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi illi l-applikazzjoni sottomessa mill-intimati Portelli kienet waħda frawdolenti, u kif sottomess mill-istess rikorrenti għar-raġunijiet attribwibbli għall-istess intimate Portelli, tali dikjarazzjoni fil-konfront ta' l-istess intimati Portelli tkun suffiċjenti biex l-istess applikazzjoni tkun konsidrata nulla u bla effett fil-konfront ta' l-istess rikorrenti, mingħajr il-ħtieġa li l-awtorita' tkun parti minn dan il-ġudizzju.

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost applikazzjonijiet quddiem l-Awtorita' intimate jistgħu jsiru kemm mis-sidien kif ukoll minn terzi persuni u l-ebda permess approvat mill-istess Awtorita' ma jikkreja jew joħloq xi dritt reali a favur ta' l-applikant fuq dik il-proprjeta' u għaldaqstant l-Awtorita' intimate giet inutilment involuta fil-proċeduri odjerni.

Illi għaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.
Rat ir-Risposta Ġuramenata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex li eċċepixxa :

1. Illi ma hux permissibbli għad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jisfilza noti, ċedoli jew dokumenti oħra li diġa' jinsabu insinwati fir-Reġistru Pubbliku. Għaldaqstant jekk jinstab minn din l-Onorabbli Qorti li ċ-ċedola ta' depożitu u kuntestwali fidi ta' ċens ppreżentati mill-konvenut Michael Portelli ddaħħlu skorrettament, għandha ssir talba lill-esponenti mill-Qorti li jdaħħal nota fl-atti ta' dawn id-dokumenti fejn jiġi ndikat li l-istess atti huma nulli u bla effett fil-liġi.

2. Illi dwar il-mertu tal-kawża odjerna, l-esponenti jirrimetti ruħu għas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-liġi.

Bl-ispejjeż.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Ottubru 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti konjuġi Portelli.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi ta' l-atturi u ta' l-istess konvenuti dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Ikkunisdrat:

Illi permezz ta' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom, il-konvenuti konjuġi Portelli jeċċepixxu n-nullita' ta' dan ir-Rikors ġuramentat billi l-premessi huma totalment differenti u mhux konnessi u għalhekk ma jistgħux jiġu promossi f'att promotur wieħed. L-artikolu 156 (1) (a) tal-Kap. 12 jistipula li kawża għandu jkun fiha: "**tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r–raġuni tat-talb**a." Imma, kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell: "… *'materja ta' eċċezzjoni ta' nullita' l-prinċipju applikabbli huwa* ***ut magis res valeat quam pereat****. Il-Qorti għandha tilqa' eċċezzjoni minħabba fin-*

*nuqqas ta' l-attur li jħares xi formalita' (sakemm ma tkunx nullita' li tirriżulta espressament mil-liġi) biss fil-każijiet fejn jirriżulta li l-konvenut isofri preġudizzju irreparabbli minħabba fin-nuqqas ta' l-attur. Il-liġi ma tiddikjarax espressament in-nullita' ta' l-att li ma jħarisx l-artikolu 156 (1) (a) u għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 789(1)(c) tal-kap. 12 li jgħid li tista' tingħata eċċezzjoni ta' nullita' '**jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi … kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullita' preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annulat**.*" [1]

Hekk ukoll ingħad illi: "…*n-nullita' ta' l-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.*" [2]

Fil-każ in eżami nsibu li l-atturi qegħdin jagħmlu diversi talbiet distinti fil-konfront ta' konvenuti differenti. Imma dawn it-talbiet huma kollha konsegwenza ta' azzjonijiet derivanti minn pretensjoni tal-konvenuti konjuġi Portelli li huma proprjetarji ta' l-artijiet indikati fir-Rikors ġuramentat. Infatti l-atturi qegħdin jikkontestaw il-fidi ta' ċens magħmul mill-istess konvenuti, ir-reġistrazzjoni ta' dan il-fidi mad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex, ir-reġistrazzjoni tagħhom bħala proprjetarji ta' l-istess artijiet mar-Reġistratur ta' l-Artijiet u l-applikazzjoni sabiex jaghmlu xi xogholijiet ta' restawr f'mithna li tinsab fuq parti minn dawn l-artijiet. Konsegwentement l-atturi jitolbu wkoll id-danni allegatament ikkaġunati lilhom mill-konvenuti konjuġi Portelli minħabba dan l-aġir tagħhom. Ma hemm xejn għalhekk li jidher li huwa proċeduralment null f'dan ir-rigward. Hekk ukoll ħadd mill-konvenuti ma allega li sofra xi preġudizzju fid-difiża tiegħu bil-mod kif ġew ifformulati l-premessi u t-talbiet, tant li konvenuti kollha wieġbu regolarment għat-talbiet sa fejn kien jirrigwarda lilhom, mingħajr ma ġew imxekkla minn xi konfużjoni f'dak li

---

[1] Albert Portelli vs Dr. Riccardo Farrugia : 4.12.1998; kollez. Vol. LXXXII. ii. 1311 .
[2] Appell : Guido J. Vella A.&CE vs Dr. Emanuel J. Cefai LL.D. : 4.11.1001; kolle z vol. LXXV. ii. 474 .

ingħad fir-Rikors promotur. Din l-eċċezzjoni qed tiġi għaldaqstant miċħuda.

It-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti konjuġi Portelli tirrigwarda n-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti li tieħu konjizzjoni u tiddeċidi dwar applikazzjonijiet li jsiru lill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Imma permezz tan-Nota tagħhom tat-3 ta' Jannar 2012, l-attui ċedew ir-raba talba tagħhom li kienet proprju tirreferi għal xi permess maħruġ minn din l-Awtorita' u għalhekk il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

It-tielet eċċezzjoni tirrigwarda n-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' l-atturi li jippromwovu din il-kawża. Dan il-konvenuti konjuġi Portelli qed isostnuh għaliex ma saritx ebda talba mill-atturi sabiex jiġi dikjarat li l-artijiet in kwistjoni kienu proprjeta' tagħhom. Il-**Mattirolo** ifisser x'inhu l-interess ġuridku li jrid ikun hemm f'kull kawża bil-mod segwenti;

" *L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse. Indi' la massima di gurisprudenza tradizionale ' l'interesse e' la misura di azione', '**point d'interet, point d'action**.' Il Codice di procedura civile enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto; all'articolo 36* (illum art. 100 c.p.c.) *e' detto che 'per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'… l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita' di attore o convenuto, o di terzo interveniente – deve essere **diritto, legittimo , e attuale**.*

*E' mestieri dapprima che l'interesse sia **diretto, personale**, perche' … niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*

*L'interesse deve in secondo luogo essere **legittimo**, cioe' conforme al diritto di chi sta in causa, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutela dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio.*

*Quindi se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possible; cosi' che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e'* ***injuria datum****, se cioe' non e'prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto propio, offende un nostro diritto.*

*Per ultimo l'interesse deve essere* ***attuale****, val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi pero' che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperroche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e' la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente*." [3]

Il-liġi proċedurali tagħna ma tipprovdix artikolu speċifiku dwar dan l-interess ġuridiku f'kawża bħal ma tagħmel dik taljana. Imma kif kellhom okkażżjoni jgħidu l-Qrati tagħna:

"*Fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza, malgrado il difetto di una preciza disposizione della legge in materia, e come corollario di queste due disposizioni (ss.256 u 960) che base e misura di ogni azione giudiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta; perche se l'interesse e' una condizione sine qua non per il semplice intervento o per l'appello, e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio*." [4]

Infatti teżisti ġudisprudenza konstanti tal-Qrati tagħna dwar l-elementi ta' l-interess ġuridiku meħtieġa f'kull kawża. Hekk insibu jingħad illi:

"*In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili li l-interess hu l-miżura ta' l-azzjoni (vol. XXVII. ii. 608); u r-rekwiżit ta' l-interess hu ndispensabbli għall-propronibilita' ta' domandi fi kwalunkwe sede ta' ġurisdizzjoni*

---

[3] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano ; Torino 5ta. Ed. 1902 para. 54 et seq. pag. 50 - 52 .
[4] Micallef Goggi vs Armando Mifsud kollez. Vol. XXVII. i. 507 .

*kontenzjuża (vol. XXVII. i. 507). L-interess hu l-bażi ta' l-azzjoni (vol. XXIX. i. 891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (vol. XXX. i. 317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġia twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (vol. XXXIII. i. 108; vol. XXXVII. i. 57; XXXVII. ii. 608). Biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn illi jkollu interess fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema nteress irid ikun leġittimu u konkret (vol. XXVIII. ii. 317).*" [5]

Applikati dawn il-prinċipji għal każ in eżami, insibu li l-atturi qegħdin jipproċedu kontra l-konvenuti konjuġi Portelli wara li dawn għamlu l-affarijiet ilmentati minnhom fir-rikors promotur tagħhom, b'referenza għal artijiet li l-atturi qed jgħidu illi jappartjenu lilhom. Ħarrku wkoll lill-konvenuti l-oħra bħala konsegwenza ta' l-istess affarijiet magħmula mill-konjuġi Portelli. Imma l-konvenuti Portelli għamlu dawn il-ħwejjeġ proprju għax jippretendu illi huma għandhom drittijiet ta' proprjeta' fuq l-istess artijiet, u għalhekk teżisti kontestazzjoni dwar lil min jappartjenu dawn l-artijiet. Għaldaqstant it-talbiet ta' l-atturi jistgħu jiġu milqugħa biss kemm-il darba, qabel xejn, jiġi determinat illi dawn l-artijiet, jew ta' l-inqas xi partijiet minnhom, tassew jappartjenu lilhom bi proprjeta'. Imma l-atturi m'għamlu l-ebda talba f'dan is-sens, bil-konsegwenza illi l-Qorti ma tistax tipproċedi biex tikkunsidra t-talbiet attwali ta' l-atturi, ġialadarba il-kontestazzjoni dwar dawn l-artijiet bejn l-atturi u l-konvenuti konjuġi Portelli ser tibqa' teżisti. L-atturi fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom isemmu ġurisprudenza dwar l-ekwipolenza u l-possibilita' li kawża tiġi deċiża fuq kawżali differenti minn dik premessa. Imma hawnhekk m'għandniex kwistjoni ta' xi nuqqas fil-kawżali, għax l-ewwel kawżali hija appuntu fis-sens illi l-atturi huma ċ-ċenswalisti ta' dawn l-artijiet, iżda fit-talbiet. Il-Qorti żgur

[5] Appell : Pietro Paolo Borg vs Giuseppe Caruana : 3.12.1984 ; vol. LXVIII. ii. 233 .

li ma tistax, mingħajr il-kunsens tal-partijiet, iżżid jew tibdel xi talba, għax dan ikun *ultra* jew *extra petita*, wisq inqas meta l-konvenuti konjuġi Portelli għandhom eċċezzjoni preliminari proprju fuq din il-kwistjoni. Minħabba n-nuqqas ta' l-atturi li jagħmlu wkoll talba biex jiġi deċiż u dikjarat li dawn l-artijiet jappartjenu lilhom, ma jistgħax jingħad illi huma għandhom interess **dirett jew personali** f'din il-kawża, u għaldaqstant il-konvenuti konjuġi Portelli huma ġustifikati fl-eċċezzjoni tagħhom dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-atturi. Il-konvenuti l-oħra ma qajmux eċċezzjoni simili, imma peress li kwistjoni bħal dik in eżami hija waħda proċedurali u għalhekk bħala waħda ta' **ordni pubbliku** tista' titqajjem mill-Qorti stess, jista' jingħad ukoll illi dan l-interess ġuridiku lanqas ma jeżisti fil-konfront tal-konvenuti l-oħra. Dan għaliex anke t-talbiet li jirrigwardaw lil dawn il-konvenuti, jistgħu biss jintlaqgħu kemm-il darba l-atturi jkunu ppruvaw li dawn l-artijiet huma tagħhom, ħaġa li pero' għar-raġunijiet ġia msemmija, ma tistax issir fil-kawża kif dedotta.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti konjuġi Portelli billi, filwaqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, tilqa' t-tielet eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' nteress ġuridiku ta' l-atturi, u tillibera lill-konvenuti kollha mill-osservanza tal-ġudizzju.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------